MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 1469/1999/1

**Priscilla Briffa, Anna Scerri u Fabianne Borg**

**v.**

**Carmelo sive Charles Sciberras**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-atturi Priscilla Briffa, Anna Scerri u Fabianne Borg minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis- 26 ta’ Jannar 2007 li laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u cahdet it-talbiet kollha attrici.

L-ispejjez fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz baqghu bla taxxa bejn il-partijiet.
Is-sentenza tal-ewwel Qorti sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell.

“Il-Qorti

“Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-

“Premess illi numru ta’ snin ilu kien twaqqaf grupp ghal zghazagh ta’ bejn 16 u 35 sena bl-ismen “You Too” u li tieghu il-konvenut Carmel Sciberras kien ic-*Chairman*;

“Illi kull membru tal-grupp kellu jhallas *membership fee* u ghal dawn l-ahhar sentejn dan il-grupp miet mewta naturali tant li hadd ma hallas il-*membership fee* stabbilita;

“Illi Anna Scerri kienet l-ewwel kaxxiera tal-grupp u kellha fuq isimha l-*bank account* tal-grupp, u anke wara li hija ma baqghetx kaxxiera hija xorta baqghet responsabbli minn dan l-*account*;

“Illi Priscilla Briffa kienet l-ahhar kaxxiera tal-grupp You Too, qabel ma dan sfaxxa, u Fabianne Borg kienet membru tal-kumitat tal-istess;

“Illi skond Klawsola 7 tal-Istatut tal-grupp “You Too” jekk il-grupp jispicca l-flus u dak kollu ta’ valur jinghataw lid-Dar tal-Providenza;

“Illi matul is-sena kurrenti l-konvenut Charles Sciberras flimkien ma’ persuni ohra mhux maghrufa rega’ beda jmexxi grupp bl-isem “You Too” bl-aktar mod irregolari u bi ksur tat-termini tal-istatut originali b’dan li l-flus tal-Grupp “You Too” originali ttiehdu mill-kontroll tal-atturi b’mod abbuziv, u b’hekk l-intenzjoni tal-membri tal-grupp originali u inkluza l-intenzjoni tal-atturi qed tigi eluza;

“Illi l-atturi ghandhom ir-responsabbilita` li jghaddu l-flus li jappartjenu lil dak il-grupp lid-Dar tal-Providenza;

“Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

“Tiddikjara li l-grupp originali “You Too” sfaxxa u gie xolt definittivament;

“Tiddikjara li ai termini tal-istatut tal-istess grupp, il-flus u dak kollu ta’ valur li kien jappartjenti lil dak il-grupp originali ghandu jinghata lid-Dar tal-Providenza;

“Tillikwida l-assi ta’ valur li jistghu jigu hekk trasferiti;

“Tordna lill-konvenut ighaddi l-flus u l-oggetti ta’ valur hekk likwidati jew lill-atturi sabiex dawn ikun jistghu jghadduhom lid-Dar tal-Providenza kif premess, jew altrimenti direttament lid-Dar tal-Providenza, skond kif din il-Qorti jidrilha li hu l-aktar xieraq u opportun fic-cirkostanzi;

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 8 ta’ Gunju 1999, tal-mandat ta’ sekwestru numru 2898/99 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

“Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit:

“1. preliminarjament in-nuqqas ta’ integrita` tal-gudizzju billi l-eccipjenti, imharrek wahdu, ma jirraprezentax lill-grupp “You Too”;

“2. preliminarjament ukoll, u minghajar pregudizzju ghall-premess, kwantu gie mharrek personalment, m’huwiex il-legittimu kontradittur tal-azzjoni attrici u ghandu jigi liberat mill-harsien tal-gudizzju;

“3. l-intempestivita` tal-azzjoni attrici peress li dment li l-Grupp ghadu jiffunzjona, m’hemmx lok li jsehh dak li qeghdin jitolbu l-atturi;

“4. fil-mertu, li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, ghax imsejsin fuq premessi skorretti;

“Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

“Semghet lill-atturi u x-xhieda minnhom prodotti;

“Semghet lill-konvenut;

“Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

“Ikkunsidrat:

“L-atturi jghamlu referenza ghall-grupp ta’ zghazagh mgharuf bl-isem “You Too”, ta’ liema grupp il-konvenut kien il-president. L-atturi jallegaw li issa dan il-grupp miet mewta naturali tant li hadd mill-membri ma kien ghadu qed ihallas il-mizata annwali. L-atturi jghamlu referenza ghall-istatut tal-grupp li fil-Klawsola 7 jipprovdi li jekk il-grupp jispicca l-flus u dak kollu ta’ valur ghandhom jinghataw lid-Dar tal-Providenza;

“L-atturi jippremettu wkoll li l-konvenut ma’ persuni ohra issa rega’ beda jmexxi grupp bl-istess isem u dan irregolarment u bi ksur tal-istatut tant li abbuzivament il-fondi tal-grupp ittiehdu mill-kontroll tal-atturi. L-atturi jallegaw li b’dan il-mod l-intenzjoni tal-membri tal-grupp qed tigi eluza u jippretendu li l-fondi kollha ghandhom ighaddu lid-Dar tal-Providenza. Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat li l-grupp in kwistjoni sfaxxa u gie xolt definittivament. Li jigi dikjarat li skond l-istatut il-fondi kollha tal-istess grupp ghandhom jinghataw lid-Dar tal-Providenza. Li jigu likwidati l-assi kollha ta’ valur u li jigi ordnat li dawn l-istess fondi jghaddu ghand id-Dar tal-Providenza;

“Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi n-nuqqas ta’ integrita` tal-gudizzju billi l-eccipjenti, imharrek wahdu, ma jirraprezentax lill-grupp “You Too”. Qed jeccepixxi wkoll li huwa mhux il-legittimu kontradittur u li din l-azzjoni hi intempestiva peress li l-grupp in kwistjoni ghadu jiffunzjona u m’hemmx lok li jsehh dak li qeghdin jitolbu l-atturi. Fil-mertu huwa jeccepixxi li t-talbiet attrici huma imsejsin fuq premessi skorretti;

“Dwar l-eccezzjonijiet rigwardanti n-nuqqas ta’ integrita` tal-gudizzju u rigwardanti l-legittimu kontradittur ghandha ssir referenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kummercjali tal-24 ta’ Gunju 1960 fil-kawza fl-ismijiet “Salvino Farrugia propio et nomine v. Anthony Grech et nomine”. F’din is-sentenza gie deciz li meta l-istanza tkun intiza, direttament jew indirettament ghall-annullament jew xoljiment ta’ assocjazzjoni, allura l-legittimi kontradittturi huma, mhux il-kumitat jew ufficjali tieghu, imma s-socji kollha kemm huma, salv li ma jkunx hemm xi fattezzi specjali fil-kaz partikolari. Kwindi jekk l-istanza tkun diretta ghall-annullament jew xoljiment tal-assocjazzjoni, l-istess ghandha bhala regola tigi proposta kontra l-assocjati kollha;

“Fid-dawl ta’ dak li gie premess din il-kawza ma kelliex issir biss kontra l-konvenut. Jidher ghalhekk li f’dan il-kaz il-gudizzju mhux integru u jidher ukoll li l-konvenut wahdu mhux il-legittimu kontradittur. In effett din il-kawza hi intiza sabiex jigi dikjarat l-annullament u x-xoljiment tal-grupp in kwistjoni. Ma jirrizultaw ebda cirkostanzi specjali li jistghu jgieghlu li dan il-kaz jigi trattat b’mod specjali. Ghalhekk jidher li l-imsemmija l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut jimmeritaw li jigu akkolti;

“Inoltre mill-provi prodotti jirrizultaw is-segwenti fatti saljenti:

“1. Il-grupp in kwistjoni jitmexxa skond statut approvat fid-29 ta’ Ottubru 1993 u jitmexxa wkoll minn kumitat debitament elett;

“2. Il-grupp ghandu kont bankarju f’ismu mal-Bank of Valletta fergha ta’ Hal Luqa;

“3. Il-membri tal-grupp ihallsu mizata annwalment;

“4. Saru Laqghat Generali annwali li fihom gew eletti l-membri tal-kumitat ta’ tmexxija;

“5. F’hin minnhom ma komplewx isiru elezzjonijiet u l-membri tal-kumitat kienu jeleggu jew ahjar jissekondaw persuni ghal postijiet vaganti;

“6. L-attrici Priscilla Briffa giet hekk sekondata bhala tezoriera u certa Grace Gili wkoll giet hekk sekondata fl-istess post ta’ kaxxiera;

“7. Kien hemm zmien fejn il-grupp deher li ma kienx ghadu attiv u konsegwentement l-atturi assumew li l-grupp ma kienx ghadu jopera;

“8. L-attrici Anna Scerri ddikjarat li ma komplietx thallas il-mizata u ghahekk ma baqghatx membru tal-grupp;

“9. Ftit qabel il-prezentata tac-citazzjoni l-attrici Priscilla Briffa giet mitluba mill-konvenut sabiex tirritorna l-kotba kollha u d-dokumenti kollha tal-grupp. Dan gieghel lill-istess attrici tibghat lil membri kollha tal-grupp biex dawn il-membri jiddikjaraw jekk jaqblux illi ladarba l-grupp ma kienx ghadu jopera, skond l-istatut, il-flejjes kollha tal-grupp kellhom jinghataw lid-Dar tal-Provvidenza. Jidher li l-maggoranza ta’ dawk li rcevew din ic-cirkolari qabblu mal-proposta kif kontenuta fl-istess cirkolari;

“10. L-unika haga ta' valur illi kellu l-grupp kien il-kont bankarju msemmi;

“11. Qatt ma saret laqgha generali fejn il-membri iddecidew li l-grupp huwa xolt jew kellu jigi xolt;

“12. Il-konvenut u xhieda ohra kkonfermaw li l-grupp ghadu jezisti. Hemm President, hemm Segretarju, u hemm minn jiehu hsieb il-finanzi;

“13. Il-mizati ma baqghux jingabru stante li kien hemm flus bizzejjed il-bank u minhabba li hemm pendenti dawn il-proceduri;

“14. Illum m’hemmx membri apparti dawk tal-kumitat. Il-kumitat li hemm jiltaqa’ regolarment;

“15. Il-kont bankarju in kwistjoni hu s-suggett ta’ mandat ta’ sekwestru ottenut mill-atturi;

“16. L-istatut tal-grupp jipprovdi li l-grupp jispicca meta tlett kwarti tal-membri jaqblu li jsir dan. Jipprovdi wkoll li jekk il-grupp jispicca l-flus u dak kollu ta’ valur jinghataw lid-Dar tal-Providenza;

“Fil-kaz ta’ gruppi bhal dak in kwistjoni mhux haga straordinarja li ma jibqghux isiru elezzjonijiet u l-membri tal-kumitat jigu sekondati skond il-bzonn. Dan ikun dovut principalment ghal fatt li ma jkunx hemm il-kwantita` necessasrja ta’ membri li juru interess li jkunu fuq il-kumitat ta’ tmexxija. Inoltre ma hemmx dubju li dawn il-proceduri kkomplikaw t-tmexxija u l-andament normali tal-assocjazzjoni;

“L-atturi ma kellhomx jassumu li la darba l-grupp deher li ma kienx ghadu attiv, l-istess grupp ma kienx ghadu qed jopera. Li kellhom jaghmlu l-atturi hu li, ai termini tal-istatut, jsejhu laqgha sabiex il-membri jiddecidu jekk il-grupp kellux jigi xolt jew le. Barra minn hekk jirrizulta li mhux l-atturi kollha ghadhom membri tal-grupp peress li whud mill-atturi ammettew li kienu rrezenjaw;

“F’dan ir-rigward ma kienx bizzejjed li wahda mill-atturi tibghat ic-cirkolari fuq indikata. Jidher li l-istess attrici ghamlet hekk wara li ntalbet tirritorna l-kotba u d-dokumenti kollha tal-grupp, talba din li tidher li hi regolari u legittima. Sabiex jigi deciz jekk il-grupp kellux jigi xolt kellha ssir laqgha formali b’agenda formali;

"Barra minn hekk jidher li l-grupp ghadu jezisti. Hemm kumitat ta' tmexxija, li ma jidhirx li gie b'xi mod kontestat. Jidher ukoll li dan il-Kumitat jiltaqa' regolarment;

"Fid-dawl ta' dan kollu l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut jimmeritaw li jigu akkolti u konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda;

"Ghal dawn il-motivi:

"Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u billi fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha attrici;

"In vista tac-cirkostanzi partikolarti tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

**Rikors tal-appell tal-atturi**

L-atturi hassewhom aggravati bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interponew appell minnha.

Fil-qosor, l-aggravji tal-atturi huma s-segwenti:

1. L-ewwel aggravju jikkonsisti filli l-ewwel Qorti ddecidiet li l-grupp "You Too" ghadu jezisti u ghalhekk laqghet it-tielet eccezzjoni meta fil-fatt hi kellha l-ewwel tevalwa jekk tlett persuni jew tnejn (ghax wahda minnhom irregolari) li ma jzommu ebda laqgha generali jew elezzjoni u li ma jhallsu ebda mizata skond l-istatut, setghux validament izommu dan il-grupp haj.

2. It-tieni aggravju huwa li l-ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet u cioe` li l-gudizzju mhux integru ghax il-konvenut wahdu ma jirrapprezentax il-grupp "You Too" u li l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur fil-vesti personali tieghu. Illi meta saret il-kawza l-grupp kien diga` sfaxxa u ma kien hemm ebda socju fih. Il-kawza saret kontra l-konvenut personalment billi huwa kien il-persuna li kienet tikkomunika mal-bank u li kellha fil-kontroll taghha l-kont bankarju bil-flus.

3. It-tielet aggravju huwa li, anke kieku l-grupp kien ghadu jezisti, xorta wahda tiskatta l-Klawsola 7A tal-istatut, u dan bl-applikazzjoni tal-principju tal-*ius superveniens,* u ghalhekk l-ewwel Qorti setghet sabet li l-grupp kien xjolt.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-atturi appellanti talbu r-revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

**Risposta tal-konvenut appellat.**

Il-konvenut appellat jikkontendi li s-sentenza appellata hija wahda gusta u li timmerita li tigi konfermata, prevja c-cahda tal-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.
L-appellat wiegeb li ghalkemm l-atturi qed isostnu li l-grupp miet mewta naturali, mandankollu mill-provi li tressqu rrizulta mod iehor u l-istatut stess jipprovdi kif l-istess grupp jista' jigi xjolt. L-appellat jikkontendi li l-grupp ma kienx sfaxxa, u ghalhekk il-kawza kellha ssir kontra s-socji kollha. Inoltre l-kawza ma setghetx issir kontra tieghu personalment billi t-talba tolqot l-ezistenza nnfisha tal-grupp. Finalment il-konvenut wiegeb li ma giex ippruvat kemm mill-persuni li ffirmaw ic-cirkolari kienu fuq kollox intitolati li jaghtu konferma li jridu li l-grupp jispicca, u kemm kienu ghadhom membri. Il-Klawsola 7A tipprovdi li tlett kwarti tal-membri jridu jaghmlu dan, izda dan zgur ma jirrizultax. Di piu` l-imsemmija klawsola ma tipprovdix li l-grupp jispicca b'semplici petizzjoni imma kellha ssir laqgha formali biex jigi deciz jekk il-grupp kellux jigi xjolt.

**Fatti mertu tal-kawza**

Qabel ma tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji tal-atturi appellanti, din il-Qorti thoss li jkun qabel xejn opportun illi taccenna fil-qosor ghall-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

L-atturi, flimkien mal-konvenut, kienu jiffurmaw parti mill-grupp "You Too", u f'din il-kawza l-atturi qed jallegaw li dan il-grupp miet mewta naturali tant li hadd mill-membri m'ghadu jhallas il-mizata annwali. Huma jirreferu ghall-istatut tal-grupp li fil-Klawsola 7 jipprovdi li jekk il-grupp

jispicca, il-flus u dak kollu ta' valur ghandhom jinghataw lid-Dar tal-Providenza, kif qed jitolbu li jsir f'din il-kawza.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Illi l-ewwel Qorti laqghet ir-raba' eccezzjoni tal-konvenut u cioe` li fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghax imsejsin fuq premessi skorretti. F'dan l-appell ma jidhirx li tressaq xi aggravju f'dan ir-rigward mill-appellanti.

L-ewwel Qorti laqghet ukoll l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut li l-gudizzju mhux integru ghax huwa wahdu ma jirrapprezentax il-grupp "You Too" u li huwa mhux il-legittimu kontradittur billi ma jirrapprezentax il-grupp fil-vesti tieghu personali.

L-ewwel Qorti qalet hekk:

"*Fid-dawl ta' dak li gie premess, din il-kawza ma kelliex issir biss kontra l-konvenut. Jidher ghalhekk li f'dan il-kaz il-gudizzju mhux integru u jidher ukoll li l-konvenut wahdu mhux il-legittimu kontradittur. In effett din il-kawza hi intiza sabiex jigi dikjarat l-annullament u x-xoljiment tal-grupp in kwistjoni. Ma jirrizultaw ebda cirkostanzi specjali li jistghu jgieghlu li dan il-kaz jigi trattat b'mod specjali. Ghalhekk jidher li l-imsemmija l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut jimmeritaw li jigu akkolti.*"

Skond il-gurisprudenza li saret referenza ghaliha mill-ewwel Qorti hemm li:

*"...meta l-istanza, direttament jew indirettament, tkun intiza ghall-annullament ossija xoljiment tal-assocjazzjoni, allura l-legittimi kontradditturi huma, mhux il-kumitat jew ufficjali tieghu, imma s-socji kollha kemm huma. Jista' pero` ma jkunx hekk, meta jkun hemm xi fattizzi specjali fil-kaz partikolari"* (ara s-sentenza **Farrugia v. Grech** li saret referenza ghaliha fis-sentenza tal-ewwel Qorti, kif ukoll ghall-gurisprudenza hemm riportata).

Fil-kaz in ezami, ma kienx hemm fattizzi specjali li setghu jgieghelu lill-ewwel Qorti li ma tapplikax il-principju

generali msemmi fil-gurisprudenza. Il-kaz kien ikun differenti kieku l-istatut tal-assocjazzjoni kien jipprovdi mod iehor dwar min kellu r-rapprezentanza tal-assocjazzjoni, per ezempju, l-kumitat direttiv jew xi persuna partikolari. F’dan il-kaz, l-istatut (ara fol. 24) ma jipprovdi bl-ebda mod dwar ir-rapprezentanza gudizzjarja tal-assocjazzjoni u ghalhekk japplika l-principju generali isemmi li l-legittimi kontraditturi huma s-socji kollha.

Fl-aggravju taghhom pero` l-atturi qed isostnu li l-kawza ma saritx kontra s-socji tal-grupp “You Too” proprju ghaliex fil-mument li saret din il-kawza l-grupp imsemmi kien diga` sfaxxa, u ma kien hemm ebda socju fih (ara l-ewwel aggravju). Ikomplu jghidu li l-ewwel talba taghhom mhix intiza li titlob lill-Qorti li tannulla jew ixxolji l-grupp, imma semplicement tirrikonoxxi li l-grupp sfaxxa u gie xjolt, cioe` sa minn qabel ma nfethet il-kawza.

Minn ezami akkurat tat-talba attrici jirrizulta li l-atturi qed jitolbu li Qorti *tiddikjara li l-grupp originali “You Too” sfaxxa u gie xolt definittivament,* liema kliem, fil-fehma ta’ din il-Qorti, ifissru proprju li l-Qorti tiddikjara l-grupp bhala li spicca u gie xjolt, li tfisser l-istess haga bhal li tannullah jew ixxoljih. Il-gurisprudenza hija cara, li meta l-gudizzju jirrigwarda d-direzzjoni u l-amministrazzjoni tal-assocjazzjoni, l-kumitat ta’ direzzjoni huwa l-legittimu kontradittur, mentri meta l-istanza hija intiza ghall-annullament jew xoljiment tal-assocjazzjoni allura l-legittimi kontradditturi huma s-socji kollha.

L-atturi jikkontendu li ma kien hemm ebda socji meta saret il-kawza u l-grupp kien diga` spicca. Il-Qorti ezaminat mill-gdid il-provi prodotti u ssib li dan mhux kif qed ighidu l-atturi, anzi jirrizulta li l-grupp ghadu formalment jopera. L-atturi jsemmu li grupp waqaf jopera ghax il-mizati m’ghadhomx jingabru minghand il-membri, l-programm tal-attivitajiet m’ghadux jintbaghat, m’ghadhomx isiru laqghat u attivitajiet tal-grupp u hemm biss tlett membri fil-kumitat, li fosthom wahda minnhom lanqas tikkwalifika bhala membru, minhabba l-eta` taghha.

Fil-fehma tal-Qorti l-grupp ghadu (jew ghall-anqas kien fiz-zmien li ngabru l-provi quddiem l-ewwel Qorti) formalment jezisti. Hemm kumitat li qed imexxi l-grupp u l-fatt li mhux qed jintbghat programm u mhux qed jingabru l-mizati ma' jfissirx necessarjament li l-grupp mhux qed jopera. Jirrizuta li fi Frar 1999 il-grupp ippartecipa fil-fiera tal-volontarjat u sa dakinhar l-attrici Priscilla Briffa kienet ghada membru tal-grupp. Kien ukoll f'April 1999 li l-konvenut, bhala c-*Chair Person* tal-Grupp, baghat ittra lill-attrici Priscilla Briffa (ara fol. 42) fejn staqsiha jekk kienitx ghada interessata fix-xoghol tal-grupp. Jidher li f'dik l-okkazzjoni l-atturi kienu haduha bi kbira ghaliex billi ghalkemm huma kienu ghadhom qed izommu kuntatt mall-grupp ippretendew li, jekk kellha tigi organizzata xi haga f'isem il-grupp, huma, bhala membri tal-grupp, kellhom jigu nfurmati b'kollox (ara fol. 106 xhieda ta' Fabianne Borg), izda dan ma sarx. Dan, fil-fehma tal-Qorti, jikkonferma li l-grupp kien ghadu jiffunzjona, ghalkemm l-atturi jsostnu l-oppost. Tant hu hekk li l-iskop tal-partecipazzjoni fil-fiera kien appuntu biex l-kumitat ihajjar aktar membri biex jidhlu fil-grupp.

Ghalhekk din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, tikkonkludi li l-gudizzju mhux integru billi kellhom jigu mharrka s-socji tal-assocjazzjoni u mhux il-konvenut wahdu; u di piu` ma kellux jitharrek personalment. Il-konvenut wahdu ma jirrapprezentax l-assocjazzjoni, u personalment ma kellux xi jedd fuq il-proprjeta` tal-assocjazzjoni. Il-Qorti lanqas ma taqbel ma' l-atturi li l-cirkolari li huma esebew fil-process (ara fol. 43 sa 79) kienu bizzejjed biex l-assocjazzjoni tigi dikjarata xjolta u li sfaxxjat. Ma giex pruvat li dawk il-persuni kienu jirrapprezentaw tlett kwarti tal-membri tal-assocjazzjoni kif jirrikjedi l-Artikolu 7A tal-istatut, u lanqas ma gie pruvat li huma kienu membri intitolati li jikkonfermaw li l-grupp spicca. Jidher ukoll li mhux ic-cirkolari kollha huma ffirmati mill-persuni li suppost ipprezentawhom. Fil-fehma tal-Qorti kien mehtieg li tissejjah laqgha formali tal-grupp biex il-membri jiddeciedu jekk il-grupp kellux jigi xjolt jew le, u dan kien aktar necessarju meta kien hemm kontestazzjoni dwar l-ezistenza stess tal-grupp. Membri ta' grupp ma jistghux wahedhom u unilateralment jiddeciedu jekk grupp

ghandux jispicca jew le, imma trid tkun il-laqgha tal-grupp li tiddeciedi fuq dan. Jekk ma jintlahaqx ftehim ikun biss f'dak l-istadju li ghandha tigi adita l-Qorti.
Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tichad l-aggravji kollha tal-atturi appellanti billi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif deciz mill-ewwel Qorti, mentri l-ispejjez ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------